# SERQA SFRATTATA MINN KELB



Kien l-aħħar Sibt ta' Lulju meta d-dar tal-ħabiba tiegħi, Pawla, kienet fil-mira ta' żewġ ħallelin. Pawla toqgħod ħamest idjar 'il fuq minni. Dakinhar kienet btala Ruma mal-familja tagħha u kuljum kienet qed tpoġġi r-ritratti fuq il-midja soċjali.

Fid-dar tagħha ma kien hemm ħadd għajr il-kelb tagħhom, Fido, li kien kelb tal-għassa. Billejl kien jorqod fil-kaxxa tiegħu fil-bitħa. Wara l-bitħa kien hemm ġnien li kellu rixtellu baxx u dan kien jifred passaġġ dejjaq għall-bdiewa fil-ġnien. Għall-ħabta tad-disgħa u nofs ta' billejl, żewġ ħallelin daħlu nkiss inkiss mir-rixtellu, iżda ma laħqux għamlu żewġ passi li ma semgħux l-inbiħ ta' kelb. F'ħakka t'għajn, Fido telaq jiġri warajhom u l-ħallelin twerwru. Daru biex jaħarbu iżda Fido qabad il-qalza ta' wieħed minnhom u ġibed kemm felaħ sakemm il-ħalliel tilef il-bilanċ u waqa' għal wiċċu. Il-ħalliel l-ieħor spiċċa ħdejn sieħbu għax fil-konfużjoni tfixkel ġo ġebla. It-tnejn bdew jokorbu bl-uġigħ.

Sadanittant il-ġar ta' Pawla sema' l-inbiħ u nduna li kien ġara xi ħaġa mhux tas-soltu. Hu kien raġel xiħ u allura ma setax jinżel it-taraġ kif ġieb u laħaq. Għalhekk ittawwal mit-tieqa u xħin lemaħ il-ħallelin, ċempel lill-pulizija mingħajr telf ta' żmien. F'kemm trodd salib waslu l-pulizija u qabdu l-ħallelin li kienu għadhom mgħassa minn Fido fil-ġnien. Meta Pawla waslet lura minn Ruma rrakkontajtilha kollox u wissejtha li qatt m'għandha tpoġġi informazzjoni fuq il-midja soċjali meta tkun fuq xi btala għax dan ikun bħal stedina għal xi ħalliel.

Il-familja ta' Pawla żaru lill-ġar tagħhom biex jirringrazzjawh. Hu pront qalilhom li kien Fido li sfratta s-serqa għax kieku hu żgur ma kienx se jinduna b'li kien għaddej.

*Kathleen Formosa*
Year 7 Amber